**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lara Butters)**
**vs**
**Hyder Ibrahim**

**Illum 27 ta' Dicembru, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Hyder Ibrahim detentur ta' numru tal-Pulizija 19M-049;

Akkuzat talli fis-27 ta' Dicembru, 2019, u jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer;

1. Iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaporti, jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport, li hu kien jaf li gie ffalsifikat, imbiddel jew li sar xi tibdil fih (Kap 61, Sec 5 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Kif ukoll talli xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra ffalsifikati (Kap 9, Sec 189 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Kif ukoll minghajr awtorita' legittima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokumenti mehtieg ghal finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1)(f) tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qrat u kkonfermat bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 27 ta' Dicembru, 2019.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', stqarrija tal-imputat mmarkata bhala Dok LB1, rifjut tal-jedd tal-parir legali mmarkat bhala Dok LB2, biljett tal-ajru mmarkat bhala Dok LB3, kopja tad-dokumenti li kellu fuqu l-imputat immarkati bhala Dok LB4, fedina penali mmarkata bhala Dok LB5, rapport tal-Pulizija tal-FSL immarkat bhala Dok LB6 u personal details immarkati bhala Dok LB7.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar is-27 ta' Dicembru, 2019.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni mill-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-ammissjoni cara u inekwivoka u bikrija tal-imputat.

**Decide:**

Ghalhekk fuq ammissjoni tal-imputat stess, u wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 u l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Hyder Ibrahim** hati

tal-imputazzjonijiet dedotta kontra tieghu, u tikkundannah ghal piena ta' sitt (6) xhur priguneriја effettiva.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**